MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2007

Numru. 1459/2007

Il-Pulizija
(Sp Daniel Zammit)
vs
Ahmed Abdalla Yakoup, iben Abdul, imwieled il-Palestina
fit-8 ta’ settembru, 1987

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fis-27 ta’ novembru, 2007 għal ħabta ta’ nofsinhar neqsin kwart (1145), bil-ħsieb li jagħmel delitt u cioe’ serq minn vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni GVH 564, li kienet ipparkjata fi Triq Ġirolamo Cassar, Valletta, wera dan il-ħsieb b’ati esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu u li kieku seħħ kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-mitt lira maltin iżda mhux l-elf lira maltin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' diċembru, 2007 fejn l-imputat ammetta
l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(ċ)(g), 263, 267, 271(g) u 278(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija.  Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------